MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Numru. 439/2002

Il-Pulizija
(Sp Stephen Gatt)
vs
Daniel Joe Cachia, iben George,
imwieled Pieta’ fit-28 ta’ settembru, 1983

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-18 ta’ april, 2002 ġewwa l-Imsida kkometta serq ta’ mobile phone
tal-marka Siemens li jiswa anqas minn mitt lira maltin għad-dannu ta’ Odelsie Bayliss;
2. talli fit-30 ta’ april, 2002 u fil-jiem ta’ qabel din id-data, ġewwa dawn il-Gżejjer, laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġett misruq huwa mobile phone tal-

marka Siemens li ġej minn serq li jiswa anqas minn mitt lira maltin għad-dannu ta’ Odelsie Bayliss;

3. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi, bħala uffiċjal pubbliku kkometta r-reati msemmija meta hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ frar, 2003 fejn l-imputat ammetta t-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u l-eta’ ta’ l-imputat. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta bla kondizzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------